

**Linji Gwida għall-Valutazzjoni li tħares `il
quddiem tar-riskji proprji (ibbażati fuq il-
prinċipji ORSA)**

Linji Gwida għall-Valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji (ibbażati fuq il-prinċipji ORSA)

L-introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1094/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 (minn hawn 'il quddiem, ir-Regolament EIOPA)¹, l-EIOPA toħroġ Linji Gwida indirizzati lill-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali (NCAs) dwar kif għandhom jipproċedu fil-fażi preparatorja li twassal għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Direttiva Solvenza II)².
- 1.2. Dawn il-Linji Gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 41, l-Artikolu 44, l-Artikolu 45 u l-Artikolu 246 tad-Direttiva Solvenza II.
- 1.3. Fin-nuqqas ta' Linji Gwida preparatorji, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali Ewropej jistgħu jaraw il-ħtieġa li jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali sabiex tiġi żgurata superviżjoni b'saħħitha li tkun sensittiva għar-riskji. Minflok li tintlaħaq superviżjoni konsistenti u konverġenti fl-UE, jistgħu joħorġu soluzzjonijiet nazzjonali differenti għad-detriment ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb.
- 1.4. Huwa ta' importanza kbira li jkun hemm approċċ konsistenti u konverġenti fir-rigward tal-preparazzjoni ta' Solvenza II. Dawn il-Linji Gwida għandhom jitqiesu bħala ħidma preparatorja għal Solvenza II billi tiġi promossa l-preparazzjoni fir-rigward ta' oqsma ewlenin ta' Solvenza II sabiex tiġi żgurata ġestjoni tajba tal-impriżi u li s-superviżuri jkollhom biżżejjed informazzjoni f'idejhom. Dawn l-oqsma huma s-sistema ta' governanza, inkluża s-sistema ta' ġestjoni tar-riskju u valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji (ibbażati fuq il-prinċipji ta' Riskju Proprju u Valutazzjoni tas-Solvenza, magħrufa bħala ORSA), il-pre-applikazzjoni għall-mudelli interni, u s-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.
- 1.5. Il-preparazzjoni bikrija hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li meta Solvenza II tkun applikabbli b'mod sħiħ, l-impriżi u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkunu ppreparati sew u jkunu jistgħu japplikaw is-sistema l-ġdida. Għan dan, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali huma mistennija li jidħlu fi djalogu mill-qrib mal-impriżi.
- 1.6. Bħala parti mill-preparazzjoni għall-implimentazzjoni ta' Solvenza II, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, mill-1 ta' Jannar 2014 għandhom idaħħlu fis-seħħ, il-Linji Gwida kif stabbilit f'dan id-dokument biex l-impriżi ta' assicurazzjoni u riassigurazzjoni jieħdu l-passi xierqa għall-implimentazzjoni sħiħa ta' Solvenza II.

¹ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83

² ĠU L 335, 17.12.2009, p.1-155

- 1.7. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jibagħtu, rapport tal-progress dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida sa tmiem Frar wara kull sena rilevanti lill-EIOPA, l-ewwel wieħed għandu jintbagħat sat-28 ta' Frar 2015 abbażi tal-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014.
- 1.8. Fil-fażi preparatorja l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mistennija jassiguraw li impriżi ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni jkollhom viżjoni li tħares 'il quddiem fir-rigward tar-riskji li għalihom huma esposti simili għal dak li jridu jagħmlu hekk kif tibda tapplika Solvenza II. Għal dan il-għan, huwa mistenni li l-impriżi ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni jippreparaw attivament u jagħtu bidu għall-implimentazzjoni ta' valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji (ibbażata fuq il-prinċipji ORSA) skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II.
- 1.9. Billi l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali tista' titwettaq irrispettivament mir-rekwiżiti kwantitattivi regolatorji applikabbli, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mistennija jassiguraw li l-impriżi jibdew iwettqu tali valutazzjoni mill-2014.
- 1.10. Il-valutazzjoni tal-konformità kontinwa mar-rekwiżiti regolatorji ta' kapital u r-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet tekniċi hekk l-Artikolu 45(1)(b) u l-valutazzjoni tas-sinifikat tad-devjazzjoni fil-profil tar-riskju tal-impriża mis-suppożizzjonijiet sottostanti tal-kalkolu tal-SCR skont l-Artikolu 45(1)(c) tad-Direttiva Solvenza II għandhom rabta qawwija mar-rekwiżiti kwantitattivi ta' Solvenza II li għandhom mhumiex applikabbli fil-perjodu ta' preparazzjoni.
- 1.11. Billi l-kwistjonijiet kollha li jridu jiġu koperti bil-valutazzjoni tas-sinifikat tal-profil ta' riskju tagħhom li jiddevja mis-suppożizzjonijiet sottostanti tal-kalkolu tas-SCR diġà ġew indirizzati fil-proċess ta' preapplikazzjoni għall-utenti tal-mudell intern, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mhumiex mistennija jassiguraw li l-impriżi li huma fil-proċess ta' pre-applikazzjoni jwettqu tali valutazzjoni fil-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji.
- 1.12. Il-Linji Gwida jiffukaw fuq dak li għandu jinkiseb b'din il-valutazzjoni iktar milli fuq kif din għandha titwettaq. Pereżempju, billi l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali tirrappreżenta l-fehma li l-impriża stess għandha tal-profil tar-riskju tagħha, u l-kapital u l-mezzi oħra meħtieġa biex jindirizzaw dawn ir-riskji, l-impriża għandha tiddeċiedi għaliha stess kif għandha twettaq din il-valutazzjoni fid-dawl tan-natura, l-iskala u l-komplessità tar-riskji inerenti fin-negozju tagħha.
- 1.13. Dawn il-linji gwida preparatorji jinkludu linji gwida għall-kitba ta' rapport għall-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji. Dan ir-rapport huwa maħsub biex jipprovdi l-informazzjoni neċessarja lill-kontrollur dwar il-valutazzjoni mwettqa.
- 1.14. L-EIOPA tirrikonoxxi u ssostni l-iżviluppi u l-kisbiet fuq skala globali u fuq livell nazzjonali barra l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ffissar ta' standards għall-Valutazzjonijiet ta' Solvenza u r-Riskji Proprji b'perspettiva li tħares 'il quddiem. Iżda l-EIOPA ma tistenniex li l-awtoritajiet superviżorji f'pajjiżi terzi japplikaw il-Linji Gwida ta' tnejn. Il-Linji Gwida mhumiex soġġetti għal analiżi tal-

ekwivalenza u lanqas ma jantiċipaw kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-passat jew fil-futur mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-ekwivalenza. Meta ssir referenza għall-istrutturi tal-grupp u l-livell tal-grupp, il-Linji Gwida ta' tnejnija japplikaw għall-gruppi taż-ŻEE biss, mhux għall-fergħat stabbiliti fiż-ŻEE ta' kumpaniji ta' (ri)assigurazzjoni ta' pajjiżi terzi.

- 1.15. Huwa kruċjali li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew ta' kontroll (AMSB) tal-impriża jkun konxju mir-riskji materjali kollha li l-impriża taffaċċja, irrispettivament minn jekk dawn ir-riskji jinqabdux mill-kalkolu tal-SCR u minn jekk dawn humiex kwantifikabbli jew le. Hu vitali wkoll li l-AMSB tassumi rwol attiv fil-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji billi tidderieġi l-proċess u toffri sfida lill-eżitu.
- 1.16. F'każ li grupp jixtieq japplika biex jagħmel użu mill-valutazzjoni ta' darba li tħares 'il quddiem tad-dokument tar-riskji proprji fil-livell tal-grupp dan jirrikjedi livell għoli ta' konsistenza fil-proċessi tal-grupp.
- 1.17. Il-Linji Gwida japplikaw kemm għal impriżi individwali kif ukoll fuq il-livell tal-grupp. Barra minn hekk, il-linji gwida jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-ħtiġijiet partikolari tal-grupp skont il-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji, b'mod partikolari minħabba riskji speċifiċi għall-grupp jew riskji li jistgħu jkunu inqas rilevanti fuq il-livell individwali milli fuq il-livell tal-grupp.
- 1.18. Il-linji gwida rilevanti għall-impriżi individwali japplikaw mutatis mutandis għall-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji fil-livell tal-grupp. Barra minn hekk, il-gruppi jeħtiġilhom jieħdu inkonsiderazzjoni l-linji gwida speċifiċi tal-grupp.
- 1.19. Utenti ta' mudelli interni li huma fil-proċess ta' pre-applikazzjoni għall-mudelli interni huma mistennija li jippreparaw għall-użu tal-mudell intern fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali tagħhom. Għalhekk, għall-finijiet tat-twertiq ta' din il-valutazzjoni matul il-fażi preparatorja, l-utenti ta' mudelli interni li huma fil-fażi ta' pre-applikazzjoni għandhom jitħallew jużaw il-mudell intern.
- 1.20. Għall-iskop ta' dawn il-Linji Gwida, ġew żviluppatti dawn id-defenizzjonijiet li ġejjin:
 - a) "valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji" użata fil-Linji Gwida: maħsuba biex tkun identika għal "valutazzjoni li tħares 'il quddiem għar-riskji proprji (ibbażata fuq il-prinċipji ORSA)"
 - b) "livell tal-grupp": tirreferi għall-entità ekonomika koerenti (ħarsa ħolistika) li tħaddan fiha l-entitajiet kollha tal-grupp skont kif imfissra fil-Linji Gwida dwar is-sistema ta' governanza;
 - c) "l-entità responsabbli" li tintuża fil-Linji Gwida speċifiċi għall-grupp bħala l-entità responsabbli għall-issodisfar tar-rekwiżiti ta' governanza fil-livell tal-grupp;
 - d) "valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji fil-livell tal-grupp": tirreferi għall-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji meħuda fuq livell ta' grupp; u

- e) "valutazzjoni waħda li tħares `il quddiem tad-dokument tar-riskji proprji": tirreferi għall-valutazzjoni waħda li tħares il quddiem tar-riskji proprji meħuda fil-livell tal-grupp u fil-livell ta' xi sussidjarju tal-grupp fl-istess data u perjodu ta' referenza fformalizzati f'dokument wieħed meta l-ftehim superviżorju jingħata li jagħmel dan.

1.21. II-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014.

Sezzjoni I: Id-dispożizzjonijiet ġenerali għal-Linji Gwida preparatorji

Linji Gwida 1 –Id-dispożizzjonijiet ġenerali għal-Linji Gwida

- 1.22. Bħala parti mill-preparazzjoni għall-implimentazzjoni ta' Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex mill-1 ta' Jannar 2014 idaħħlu fis-seħħ dawn il-Linji Gwida dwar il-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji (abbażi tal-prinċipji ORSA).
- 1.23. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jassiguraw li impriżi u gruppi ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni jieħdu l-passi neċessarji biex
 - a. jistabbilixxu proċess għall-iżvilupp ta' valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji tagħhom stess; u
 - b. jikkompilaw informazzjoni kwalitattiva li ssostni l-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji li tippermetti l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jirrevedu u jevalwaw il-kwalità tal-proċess.

Linja gwida 2 – Rapport ta' progress lill-EIOPA

- 1.24. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jibagħtu, rapport tal-progress dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida sa tmiem Frar wara kull sena rilevanti lill-EIOPA, l-ewwel wieħed għandu jintbagħat sat-28 ta' Frar 2015 ibbażat fuq il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014.

Linji Gwida 3- L-applikabbiltà tal-limitu għall-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji

- 1.25. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jassiguraw li l-impriżi u l-gruppi kollha li jaqgħu taħt id-Direttiva Solvenza II jwettqu valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom ta' solvenza ġenerali, mill-2014.
- 1.26. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jesigū li impriżi li jirrappreżentaw tal-inqas 80 % tas-suq kif defenit fil-Linji Gwida 5 sa 7 fil-"Linji Gwida għas-sottomissjoni tal-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti" jwettqu valutazzjoni dwar jekk l-impriża tikkonformax fuq bażi kontinwa mar-rekwiżiti regolatorji ta' kapital ta' Solvenza II u r-rekwiżiti dwar id-dispożizzjonijiet tekniċi ta' Solvenza II li jibdew fl-2015. Għal dan il-għan, ser jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital regolatorji ta' Solvenza II u dwar il-kalkolu tad-dispożizzjonijiet tekniċi.
- 1.27. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jesigū li gruppi li jissottomettu informazzjoni kwantitattiva annwali kif defenit fil-Linja Gwida 9 fil-"Linji Gwida għas-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti" jwettqu valutazzjoni dwar jekk il-grupp jikkonformax fuq bażi kontinwa mar-rekwiżiti ta' kapital regolatorji ta' Solvenza II u r-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet tekniċi ta' Solvenza II li jibdew fl-2015. Għal dan il-għan, ser jiġu pprovduti

speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital regolatorji ta' Solvenza II u dwar il-kalkolu tad-dispożizzjonijiet tekniċi.

- 1.28. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jippermettu impriżi u gruppi li jinsabu fil-proċess ta' pre-applikazzjoni għall-mudell intern biex jagħmlu użu minn dan il-mudell għall-fini tal-valutazzjonijiet dwar ir-rekwiżiti ta' kapital regolatorji, sakemm l-impriżi u l-gruppi kkonċernati jwettqu wkoll valutazzjoni bi tnejn għall-eventwalità li l-applikazzjoni għall-użu tal-mudell intern taħt Solvenza II tiġi miċħuda mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
- 1.29. Fejn tidħol impriża li mhix fil-proċess ta' pre-applikazzjoni għall-mudell intern li jaqa' fil-limitu msemmi fil-paragrafu 1.26 u grupp li jaqa' fil-limitu msemmi fil-paragrafu 1.27, fil-kalkolu tar-rekwiżiti regolatorji ta' kapital ta' Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jitolbu lill-impriża jew lill-grupp sabiex iwettqu valutazzjoni tas-sinifikat tad-devjazzjoni tal-profil tar-riskju tiegħu mis-suppożizzjonijiet sottostanti fil-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza ta' Solvenza II, li jibda fl-2015. Għal dan il-għan, ser jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital regolatorji ta' Solvenza II u dwar il-kalkolu tad-dispożizzjonijiet tekniċi

Sezzjoni II: Valutazzjoni li Tħares 'il Quddiem tar-Riskji Proprji

Linja Gwida 4 – Il-proporzjonalità

- 1.30. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jassiguraw li l-impriża għall-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji, tiżviluppa l-proċessi tagħha stess b'tekniki xierqa u adegwati, imfassla biex ikunu xierqa fl-istruttura organizzattiva u s-sistema, filwaqt li jitqiesu n-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti tan-negożju.

Linja Gwida 5 – Ir-rwol tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew ta' sorveljanza: l-approċċ minn fuq għal isfel

- 1.31. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew ta' sorveljanza tal-impriża jieħu sehem attiv fil-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji, inkluż l-iggrawidjar ta' kif għandha titwettaq il-valutazzjoni u l-isfidar tar-riżultati.

Linja Gwida 6 – Id-dokumentazzjoni

- 1.32. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jassiguraw li l-impriża jkollha mill-inqas id-dokumentazzjoni li ġejja dwar il-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji:
- a) il-politika ta' valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji;
 - b) rekord ta' kull valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji;

- c) rapport intern ta' kull valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji; u
- d) rapport ta' sorveljanza tal-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji.

Linja Gwida 7 – Il-politika għall-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji (ibbażata fuq il-prinċipji ORSA)

1.33. Skont l-Artikoli 41 u 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew ta' sorveljanza tal-impriża japprova l-politika ta' valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji. Din il-politika tal-inqas għandha tinkludi:

- a) Deskrizzjoni tal-proċessi u l-proċeduri fis-seħħ għat-twettiq tal-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji;
- b) Konsiderazzjoni tar-rabta bejn il-profil tar-riskju, il-limiti approvati ta' tolleranza tar-riskju u l-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali; u
- c) Informazzjoni dwar:
 - (i) Kif u b'liema frekwenza testijiet ta' stress, l-analiżi tas-sensittività u testijiet ta' stress riversibbli jew analiżijiet rilevanti oħrajn għandhom jitwettqu;
 - (ii) Standards tal-kwalità tad-dejta; u
 - (iii) Il-frekwenza tal-valutazzjoni nfisha u l-ġustifikazzjoni tal-adegwatezza tagħha partikolarment meta jitqiesu l-profil ta' riskju tal-impriża u l-volatilità tal-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali tagħha relattivi għall-pożizzjoni tal-kapital tagħha; u
 - (iv) il-ħin għall-prestazzjoni tal-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji tal-impriża u ċ-ċirkostanzi li jixprunaw il-ħtieġa għall-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji barra l-iskali regolari tal-ħin.

Linja Gwida 8 – Ir-rekord ta' kull valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji (ibbażata fuq il-prinċipji ORSA)

1.34. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jassiguraw li l-impriża tagħti xhieda adegwata u internament tiddokumenta kull valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji u r-riżultati tagħhom.

Linji Gwida 9 – Ir-rapport intern dwar il-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji (ibbażata fuq il-prinċipji ORSA)

1.35. Skont l-Artikolu 41, 44 u 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriża tikkomunika lill-persunal rilevanti kollu tal-inqas ir-riżultati u l-konklużjonijiet rigward il-valutazzjoni li tħares `il

quddiem tar-riskji proprji, ladarba l-proċess u r-riżultati jiġu approvati mill-AMSB.

Linji Gwida 10 – Ir-rapport ta’ Sorveljanza tal-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji (ibbażata fuq il-prinċipji ORSA)

1.36. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriża tissottometti r-rapport ta’ sorveljanza tal-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji fi żmien ħmistax mir-reviżjoni u l-approvazzjoni tal-valutazzjonijiet mill-AMSB. Ir-rapport ta’ sorveljanza għandu jippreżenta mill-inqas dan li ġej:

- a) ir-riżultati kwalitattivi u kwantitattivi tal-valutazzjoni li tħares `il quddiem u l-konklużjonijiet imfassla mill-impriża maħruġa minn dawn ir-riżultati;
- b) il-metodi u s-suppożizzjonijiet prinċipali użati; u
- c) fejn japplika skont il-limiti introdotti, paragun bejn il-ħtiġijiet ta’ solvenza ġenerali, ir-rekwiżiti ta’ kapital regolatorji u l-fondi tal-impriża nfisha.

Sezzjoni III: Il-karatteristiċi speċifiċi dwar il-prestazzjoni tal-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji (ibbażata fuq il-prinċipji ORSA)

Linji Gwida 11 – L-istima u l-għarfien tal-ħtiġijiet ta’ solvenza ġenerali

1.37. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriża, jekk tuża bażijiet ta’ għarfien u stima li huma differenti mill-bażijiet ta’ Solvenza II fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ġenerali tagħha ta’ solvenza, tispjega kif l-użu ta’ dawn il-bażijiet differenti ta’ għarfien u stima jassiguraw konsiderazzjoni aħjar tal-profil speċifiku ta’ riskju, tal-limiti approvati ta’ tolleranza tar-riskju u tal-istrateġija tan-negożju tal-impriża, filwaqt li tikkonforma mar-rekwiżit ta’ ġestjoni prudenti u sana tan-negożju.

1.38. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriża tagħmel stima kwantitattiva fuq il-bażi tal-aqwa sforz, tal-impatt fuq il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ solvenza ġenerali tal-bażijiet differenti ta’ għarfien u stima f’dawk il-każijiet fejn intużaw bażijiet ta’ għarfien u valutazzjoni li huma differenti mill-bażijiet ta’ Solvenza II fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ solvenza ġenerali li jibdew fl-2015 taħt il-kundizzjoni li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu ġew ipprovduti mill-EIOPA .

Linja Gwida 12 – Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ solvenza ġenerali

1.39. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriża tevalwa l-ħtiġijiet ta’ solvenza ġenerali tagħha u mbagħad tesprimi l-ħtiġijiet ta’ solvenza ġenerali f’termini kwantitattivi u tikkumplementa l-kwantifikazzjoni b’deskrizzjoni kwalitattiva tar-riskji materjali.

1.40. Fejn hu xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriża tissottometti r-riskji materjali identifikati għal firxa wiesgħa biżżejjed ta' testijiet ta' stress jew ta' analiżi tax-xenarju biex b'hekk tingħata bażi adegwata għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali.

Linja Gwida 13 – Il-perspettiva li tħares `il quddiem tal-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali

1.41. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali tal-impriża tħares `il quddiem, u tinkludi perspettiva fuq medda medja jew twila kif xieraq.

Linja Gwida 14 – Ir-rekwiżiti ta' kapital regolatorji

1.42. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva ta' Solvenza II u skont il-Linja Gwida 3 dwar l-applikabbiltà tal-limiti għall-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li bħala parti minn din il-valutazzjoni, l-impriża tanalizza jekk l-impriża tikkonformax regolament mar-rekwiżiti ta' kapital regolatorji ta' Solvenza II u tinkludi mill-inqas:

- a) il-bidliet materjali futuri potenzjali fil-profil tar-riskju;
- b) il-kwantità u l-kwalità tal-fondi tagħha stess fuq il-perjodu sħiħ tal-ippjanar tan-negozju; u

l-kompożizzjoni tal-fondi tagħha stess fuq skaluni u kif din il-kompożizzjoni tista' tinbidel bħala riżultat ta' tiffidja, ħlas lura u dati tal-maturità matul il-perjodu tal-ippjanar tan-negozju.

Linji Gwida 15 – Id-dispożizzjonijiet tekniċi

1.43. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II u skont il-Linja Gwida 3 dwar l-applikabbiltà tal-limiti fuq il-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi jiżguraw il-funzjoni attwarja tal-impriża biex:

- a) tipprovdi input dwar jekk l-impriża tikkonforma kontinwament mar-rekwiżiti dwar il-kalkolu tad-dispożizzjonijiet tekniċi; u.
- b) tidentifika r-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inċertezzi marbuta ma' dan il-kalkolu.

Linja Gwida 16 – Id-devjazzjonijiet mis-suppożizzjonijiet sottostanti tal-kalkolu tas-SCR

1.44. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II u skont il-Linja Gwida 3 dwar l-applikabbiltà tal-limiti fuq il-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriża tivvaluta jekk il-profil tar-riskju tagħha jiddevjax mis-suppożizzjonijiet sottostanti tal-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital ta' Solvenza tas-Solvenza II u jekk dawn id-

devjazzjonijiet humiex sinifikanti. L-impriża bħala l-ewwel pass twettaq analiżi kwalitattivà u jekk din tindika li d-devjazzjoni mhijiex sinifikanti, allura ma tkunx meħtieġa valutazzjoni kwantitattiva.

Linja Gwida 17 – II-ħolqa għall-proċess ta' ġestjoni strateġika u l-qafas għat-teħid tad-deċiżjonijiet

1.45. Skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriża tiegħu inkonsiderazzjoni r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskji proprji u l-għarfien miksub waqt il-proċess ta' din il-valutazzjoni f'tal-inqas:

- a) il-ġestjoni tal-kapital tagħha;
- b) l-ippjanar tan-negozju tagħha; u
- c) l-iżvilupp u d-disinn tal-prodott tagħha.

Linja Gwida 18 – IL-frekwenza

1.46. Skont l-Artikoli 45 u 246 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriża twettaq il-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji tal-inqas darba fis-sena.

Sezzjoni IV: L-ispeċifitàjiet tal-Grupp fil-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji (ibbażata fuq il-prinċipji ORSA)

Linja Gwida 19 – L-ambitu tal-valutazzjoni li tħares `il quddiem tal-grupp tar-riskji proprji (ibbażata fuq il-prinċipji ORSA)

1.47. Skont l-Artikoli 45 u 246 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-entità responsabbli tfassal il-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji fil-livell tal-grupp biex tirrifletti n-natura tal-istruttura tal-grupp u l-profil ta' riskju tagħha. L-entitajiet kollha li jaqgħu taħt l-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tal-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji fil-livell tal-grupp. Din għandha tinkludi l-impriża ta' assigurazzjoni, riassigurazzjoni, nonassigurazzjoni u nonriassigurazzjoni, u entitajiet regolati kif ukoll mhux regolati, li jinsabu fl-EEA u barra l-EEA.

Linja Gwida 20 – Ir-rappurtar lill-awtoritajiet ta' sorveljanza

1.48. Skont l-Artikoli 45 u 246 tad-Direttiva Solvenza II u f'każ li l-entità responsabbli tapplika għas-sottomissjoni ta' valutazzjoni unika li tħares `il quddiem tad-dokument tar-riskji proprji:

- a) Is-superviżur tal-grupp għandu jiddeċiedi jekk għandux jippermetti li l-gruppiwettaq dokument ta' valutazzjoni waħda li tħares `il quddiem tar-riskji proprji, dejjem jekk ma jkunx hemm proċess ieħor ta' deċiżjoni fis-seħħ fil-kulleġġ, u jekk ma jkunx hemm xi membru li mod ieħor jirċievi valutazzjoni individwali li tħares `il quddiem tar-riskji proprji li ma jaqbilx; u
- b) fejn wieħed jew iktar mis-sussidjarji jkollhom l-uffiċċju tagħhom fi Stat Membru li l-lingwi uffiċjali tiegħu huma differenti minn dawk li fihom hu rapportat id-dokument ta' valutazzjoni waħda li tħares `il quddiem tar-riskji proprji, l-awtorità ta' sorveljanza kkonċernata għandha tikkonsulta mas-superviżur tal-grupp, il-kulleġġ ta' superviżuri u l-grupp nnifsu qabel ma titlob mill-impriża t-traduzzjoni tal-parti tad-dokument tal-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji li tikkonċerna s-sussidjarju f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru li fih is-sussidjarju għandu l-uffiċċju ewlieni.

Linja Gwida 21 – Il-valutazzjoni tal-impatt tar-riskji speċifiċi tal-grupp fuq il-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali

1.49. Skont l-Artikoli 45 u 246 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-entità responsabbli fil-valutazzjoni li tħares `il quddiem tar-riskji proprji fil-livell tal-grupp tivvaluta b'mod adegwat l-impatt tar-riskji speċifiċi kollha tal-grupp u l-interdipendenzi fi ħdan il-grupp kif ukoll, l-impatt ta' dawn ir-riskji u interdipendenzi fuq il-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali, filwaqt li tikkunsidra l-ispeċifitàjiet tal-grupp u l-fatt li xi riskji jistgħu jitkabbru fil-livell tal-grupp.

Linja Gwida 22 – Ir-regola ġenerali għall-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji (ibbażata fuq il-prinċipji ORSA)

1.50. Skont l-Artikoli 45 u 246 tad-Direttiva Solvenza II u skont il-Linja Gwida 8 dwar ir-rekord ta' kull valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-entità responsabbli fir-rekord tal-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji tal-grupp tinkludi mill-inqas deskrizzjoni dwar kif il-fatturi li ġejjin kienu kkunsidrati għall-valutazzjoni tas-solvenza ġenerali u l-valutazzjoni tal-konformità kontinwa mar-rekwiżiti regolatorji³

- a) L-identifikazzjoni tas-sorsi tal-fondi proprji fi ħdan il-grupp u jekk ikun hemm il-bżonn ta' fondi proprji addizzjonali;
- b) Il-valutazzjoni tad-disponibbiltà, it-trasferibbiltà jew funġibbiltà tal-fondi proprji;
- c) referenza għal xi trasferiment ippjanat ta' xi fondi proprji fi ħdan il-grupp, li jkollu impatt materjali fuq xi entità fi ħdan il-grupp, bil-konsegwenzi li dan iġib miegħu;
- d) allinjament ta' strateġiji individwali ma' dawk stabbiliti fil-livell tal-grupp; u
- e) riskji speċifiċi li jista' jkun espost għalihom il-grupp.

Linja Gwida 23 – Ir-rekwiżiti speċifiċi għal dokument ta' valutazzjoni waħda li tħares 'il quddiem tad-dokument tar-riskji proprji

1.51. Skont l-Artikoli 45 u 246 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-entità responsabbli, meta tapplika biex tissottometti dokument tar-riskji proprji, tispjega kif is-sussidjarji huma koperti u kif l-AMSBs tas-sussidjarji huma involuti fil-proċess ta' valutazzjoni u l-approvazzjoni tar-riżultati.

Linja Gwida 24 – L-utenti tal-mudell intern

1.52. Skont l-Artikoli 45 u 246 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' pre-applikazzjoni ta' mudell intern, l-entità responsabbli fil-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji fil-livell tal-grupp tiddekrivi liema entitajiet fi ħdan il-grupp ma jużawx il-mudell intern biex jikkalkulaw l-SCR tagħhom u jispjegaw għaliex dan huwa l-każ.

Linja Gwida 25 – L-integrazzjoni ta' impriżi ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni ta' pajjiżi terzi relatati

1.53. Skont l-Artikoli 45 u 246 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-entità responsabbli fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali fil-livell tal-grupp tivvaluta r-riskji tan-negozju

³ Il-valutazzjoni tal-konformità kontinwa hija mistennija minn dawk il-gruppi fil-livell limitu.

f'pajjiżi terzi b'mod konsistenti b'halma tagħmel għal negozju EEA b'attenzjoni speċjali għall-valutazzjoni tat-trasferibbiltà u funġibbiltà tal-kapital.

Regoli ta' Konformità u Rapportar

- 1.54. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u rakkomandazzjonijiet.
- 1.55. L-awtoritajiet kompetenti li jkunu konformi jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew ta' superviżjoni tagħhom b'mod xieraq.
- 1.56. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew hux beħsiebhom ikunu konformi ma' dawn il-Linji Gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-pubblikazzjoni.
- 1.57. Fin-nuqqas ta' rispons sad-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti ser ikunu kkunsidrati b'hal non-konformi mar-rapportar.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjoni

- 1.58. Dawn il-Linji Gwida għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.
- 1.59. B'mod partikolari, is-sena 2015 imsemmija fil-Linja Gwida 3 tista' tiġi riveduta abbażi tal-aħħar żviluppi fin-negozjati OMDII.